**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 36/2023**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Scicluna**

**Illum, it-28 ta' Lulju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Joseph Scicluna**, iben Francesco Saverio u Carmela xebba Micallef, imwieled il-Pieta nhar l-1 ta' Lulju 1965 u residenti numru 7, 'Hidmietna', Triq Claudette Agius, Had-Dingli, detentur ta' karta tal-identita` numru **316465**(M), l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL KAP: TENTATTIV TA' OMICIDJU VOLONTARJU TA' MARK FARRUGIA**

**Il-fatti : -**

Illi Joseph Scicluna, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat, kien ilu jaf lil Mark Farrugia, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll il-vittma, u lill-familja tiegħu 'l fuq minn għoxrin sena. Illi kienu jafu lil xulxin għaliex Joseph Scicluna, Mark Farrugia u l-familja tiegħu kienu jirrisjedu ġewwa l-istess raħal, u ċioe, ir-raħal ta' Ħad-Dingli.

Barra minn hekk, Joseph Scicluna, Mark Farrugia u missier Mark Farrugia kellhom l-istess passatemp, u ċioe l-kaċċa. Il-familja ta' Joseph Scicluna u l-familja ta' Mark Farrugia kellhom għalqa viċin ta' xulxin ġewwa l-inħawi magħrufin 'Ta' Dnat', fil-limiti ta' San Ġakbu, ġewwa Ħad-Dingli u dawn ta' sikwit kienu jmorru fl-għalqa rispettiva tagħhom u jipprattikaw dan il-passatemp.

Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija jirriżulta li kien hemm diversi kwistjonijiet jaħarqu bejn l-aħwa tal-akkużat dwar l-imsemmija għalqa li tant skalaw li spiċċaw il-Qorti bi proċeduri ċivili. Illi hekk kif appena ndikat, konsiderando r-relazzjoni b'saħħitha li kien hemm bejn il-familja tal-akkużat u l-familja tal-vittma, kif ukoll peress li dan tal-aħħar kien ikun ta' spiss f'dawk l-akwati, Mark Farrugia spiċċa nvolut ukoll f'dawn il-proċeduri ċivili bħala xhud għall-aħwa tal-akkużat.

Illi kien nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), meta għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (04:45), Mark Farrugia mar l-għalqa tal-familja tiegħu, fl-inħawi 'Ta' Dnat'. Illi bħal ma kien jagħmel ta' sikwit, dak in-nhar mar jarma għall-kaċċa minn sbieħ il-jum. Illi wara li kien rama kollox biex ikun jista' jikkaċċja, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30) daħal ġod-dura li għandu fl-għalqa, bis-senter f'idejh lest biex ikun jista' jikkaċċja.

Illi ftit tal-ħin wara lemaħ ħdejh lill-akkużat Joseph Scicluna, li f'idejh kellu lasta tal-injam, li tkun imwaħħla mal-għodod, magħrufa mal-bdiewa bħala marloġġ. Illi l-akkużat beda jitkellem mal-vittma dwar għasfur partikolari li huwa kkaċċja fil-ġurnata tat-Tnejn ta' qabel fejn it-taħdita svolġiet dwar affarijiet żgħar bħat-temp. Illi dak il-ħin, l-akkużat lemaħ mill-bogħod il-vettura ta' missier il-vittma fejn l-akkużat għarfu b'dan u qallu wkoll li daqt kien ser jaħsiblu biex jitlaq minn hemm. Iżda, fis-siegħa u l-mument, l-akkużat qal lill-vittma biex iħares fid-direzzjoni opposta, b'tali mod li l-vittma kellu jagħti dahru lejn l-akkużat, b'dan tal-aħħar jindika lill-vittma li kien ra xi ħaġa fis-siġra tal-lewża.

Illi meta l-vittma ma ra xejn  u l-akkużat reġa' indikalu fejn kellu jħares, hekk kif appena dar, l-akkużat iddeċieda li jħebb għal Mark Farrugia fejn tah daqqa qawwija fuq il-parti l-leminija ta' moħħu bl-imsemmi marloġġ. Illi l-akkużat kompla jxejjer dan l-marloġġ fid-direzzjoni tal-vittma, li minn naħa tiegħu beda jipprova jiddefendi lilu nnifsu billi baqa jissara mal-akkużat sabiex ikun jista' ineħħielu l-marloġġ minn idejh. Illi għalkemm irnexxielu jneħħiehulu minn idejh, il-vittma beda jħossu stordut u dak il-ħin induna li kellu d-demm ħiereġ minn rasu u spiċċa waqa' mal-art stordut kawża tal-istess daqqa.

Illi l-vittma rnexxielu jerġa' jqum fuq saqajh u sa dak il-ħin is-senter li kien ħa miegħu l-għalqa biex jikkaċċja kien għadu f'idejh. Illi kien dak il-ħin li l-akkużat reġa' ta s-salt fid-direzzjoni tal-vittma, ħatfu minn qaddu bil-vittma titlef il-bilanċ u terġa taqa' mal-art bl-akkużat fuqha, bis-senter din id-darba jaqa minn idejn il-vittma.

Illi peress li l-art tal-għalqa fejn seħħ dan kollu hija mmejla u meta Mark Farrugia ġie mbuttat mill-akkużat, komplew jitremblu mal-art sakemm il-vittma spiċċa fuq l-akkużat u tah tlett daqqiet ta' ponn sabiex jiddefendi lilu nnifsu fejn beda jistaqsi lill-akkużat x'qatt għamillu biex kien qiegħed jagħmillu hekk. Iżda l-akkużat ma lissinx kelma waħda u minnflok imbutta lill-vittma minn fuqu bil-vittma kompla jitrembel mal-art u waqa' fl-għalqa ta' taħt l-għalqa tal-familja tiegħu. Illi x'ħin il-vittma rnexxielu jqum bilwieqfa, huwa sab lill-akkużat qed jiġbor is-senter li ftit tal-ħin qabel kien f'idejn l-vittma u jimmirah lejh.

Illi l-vittma reġa' staqsih għalxiex kien qiegħed jagħmillu hekk fejn għal darb'oħra l-akkużat ma lissinx kelma. Illi għalkemm il-vittma prova jaħrab minn fuq il-post, hekk kif azzarda jiċċaqlaq, l-akkużat, bl-intenzjoni li joqtol lil Mark Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, spara deliberalment fid-direzzjoni tiegħu, bil-konsegwenza li l-vittma spiċċa milqut mit-tir li spara l-akkużat. Illi kawża tal-istess tir, il-vittma ġarrab ġrieħi bil-konsegwenza li kien fil-periklu jitlef ħajtu. Illi dak il-ħin, il-vittma pprova jaħrab mill-akkużat u beda jgħajjat lil missieru għall-għajnuna.

Illi kawża tad-daqqa li qala' bil-marloġġ, Mark Farrugia sofra leżjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ. Illi barra minn hekk, kawża tat-tir li ġie sparat lejh, Mark Farrugia sofra lezzjonijiet fuq iż-żaqq u fuq is-sider. Illi kawża tal-istess tir, huwa intlaqgħat minn diversi pellets, b'uħud minnhom spiċċaw viċin qalbu. Illi kaġun tal-ġrieħi li sofra, Mark Farrugia kien f'qagħda kritika u kien fil-periklu li jitlef ħajtu tant li kellu jiġi operat b'urġenza. Illi li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tat-tobba, Mark Farrugia kien jitlef ħajtu.

Illi b'hekk Joseph Scicluna ma laħaqx ikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Mark Farrugia grazzi biss għall-effiċjenza u l-intervent mediku f'waqtu tat-tobba li kkurawh immedjatament meta daħal l-Isptar Mater Dei, dejjem bil-perikolu li jitlef ħajtu.

**<u>Il-konsegwenzi : -</u>**
Illi b'għemilu l-imsemmi Joseph Scicluna sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mark Farrugia) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

**<u>L-Akkuża : -</u>**
Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Joseph Scicluna, talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli rrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mark Farrugia) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

**Il-Piena mitluba:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Joseph Scicluna u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmien (8) snin sa erbgħin (40) sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 41(1)(a), 211(1)(2), 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP: FERITA TA' NATURA GRAVI FUQ IL-PERSUNA TA' MARK FARRUGIA**

**Il-fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli, l-akkużat Joseph Scicluna, dolożament, ikkaġuna ferita ta' natura gravissima fuq il-persuna tal-vittma Mark Farrugia.

Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (04:45), il-vittma mar l-għalqa tal-familja tiegħu, fl-inħawi 'Ta' Dnat'. Illi bħal ma kien jagħmel ta' sikwit, dak in-nhar mar jarma għall-kaċċa minn sbieħ il-jum. Illi wara li kien rama kollox biex ikun jista' jikkaċċja, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30) huwa daħal ġod-dura li għandu fl-għalqa, bis-senter f'idejh lest biex ikun jista' jikkaċċja.

Illi ftit tal-ħin wara lemaħ ħdejh lill-akkużat, li f'idejh kellu lasta tal-injam, magħrufa bħala marloġġ. Illi Joseph Scicluna beda jitkellem mal-vittma dwar għasfur partikolari li huwa kkaċċja fil-ġurnata tat-Tnejn ta' qabel fejn it-taħdita svolġiet dwar affarijiet żgħar bħat-temp. Illi dak il-ħin, l-akkużat lemaħ mill-bogħod il-vettura ta' missier il-vittma fejn l-akkużat għarfu b'dan u qallu wkoll li daqt kien ser jaħsiblu biex jitlaq minn hemm. Iżda, fis-siegħa u l-mument, qallu biex iħares fid-direzzjoni opposta,

b'tali mod li l-vittma kellu jagħti dahru lejh, b'dan tal-aħħar jindika lil Mark Farrugia li kien ra xi ħaġa fis-siġra tal-lewża.

Illi meta l-allegat vittma ma ra xejn u l-akkużat reġa' indikalu fejn kellu jħares, kien f'dan il-mument li l-akkużat iddeċieda li jħebb għal Mark Farrugia bl-intenzjoni li jikkawża ħsara, u ċioe' li jweġġa' lil Mark Farrugia meta tah daqqa qawwija fuq il-parti l-leminija ta' moħħu bl-imsemmi marloġġ. Illi l-akkużat kompla jxejjer il-marloġġ, bil-vittma jipprova jiddefendi lilu nnifsu billi baqa jissara mal-akkużat sabiex ikun jista' ineħħielu l-marloġġ minn idejh. Illi għalkemm irnexxielu jneħħiehulu minn idejh, il-vittma beda jħossu stordut u dak il-ħin induna li kellu d-demm ħiereġ minn rasu u spiċċa waqa' mal-art stordut kawża tal-istess daqqa.

Illi hekk kif ikkonkluda l-espert mediko legali, il-vittma Mark Farrugia kellu laċerazzjoni fuq il-moħħ li kienet riżultat ta' blunt trauma kkaġunata bid-daqqa qawwija li qala bil-marloġġ mingħand l-akkużat li tibqa' immarkata b'mod permanenti u viżibbli, klassifikata bħala sfreġju permanenti fil-wiċċ, dana apparti l-feriti li sofra kaġun ta' entry wounds ta' pallets li spiċċaw illoġjati taħt il-ġilda tant li se jibqa' bihom b'mod permanenti.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**
Illi għalhekk, b'għemilu l-imsemmi Joseph Scicluna sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mark Farrugia f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem tant li kkaġuna sfreġju gravi u permanenti kemm fuq il-wiċċ kif ukoll difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem ta' Mark Farrugia.

**<u>L-akkuza:</u>**
Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Joseph Scicluna ħati talli, fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli,

mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor, kwindi ta' Mark Farrugia, f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Mark Farrugia.

**Il-piena mitluba:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-akkużat Joseph Scicluna u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 214, 215, 218 (1) (a) (b) (2), 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP: PUSSESS TA' ARMA WAQT IL-KOMMISSJONI TA' REAT**

**Il-fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel żewġ kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioè fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli, irriżulta li l-akkużat għamel użu minn arma tan-nar filwaqt li għamel delitt volontarju kontra l-vittma Mark Farrugia u kwindi għal raġuni mhux leġittima. Illi kawża tat-tir sparat mill-akkużat permezz tal-arma tan-nar, il-vittma sofra leżjonijiet fuq iż-żaqq u fuq is-sider. Illi kawża tal-istess tir, huwa intlaqgħat minn diversi pellets u wħud minn dawn il-pellets spiċċaw viċin qalbu. Illi minħabba l-ġrieħi li sofra, Mark Farrugia kien f'qagħda kritika tant li kien fil-periklu li jitlef ħajtu.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu l-imsemmi Joseph Scicluna sar ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (Mark Farrugia), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew x'imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

**L-akkuza:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Joseph Scicluna, ħati talli, fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (u ċioe tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Mark Farrugia skont l-ewwel (1) Kap jew alternattivament ġrieħi gravi permezz ta' arma regolari skont it-tieni (2) Kap), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

**Il-piena mitluba:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin kif ukoll is-sospenzjoni tal-liċenzja tal-armi għal mhux iżjed minn ħames (5) snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IR-RABA' (4) KAP: PUSSES TA' ARMA MINGHAJR LICENZJA TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel tliet kapi ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00), ġewwa Ħad-Dingli, jirriżulta li Joseph Scicluna kien fil-pussess u kellu taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi bin-numru serjali TI0070. Illi din l-arma ma kinitx waħda mill-armi elenkati fil-liċenzja tal-armi maħruġa a favur tiegħu mill-Uffiċċju tal-Armi ġewwa il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-imsemmi Joseph Scicluna sar ħati talli kien fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar li ma kellu liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur tad-dispożizzjoni dwar l-Att dwar l-Armi, il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>L-akkuza:</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Joseph Scicluna, ħati talli, fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) f'xi ħin qabel is-sitta (06:00) ta' filgħodu, ġewwa Ħad-Dingli, kien fil-pussess u kellu taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar mingħajr ma kellu l-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin kif ukoll multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), jew il-multa u priġunerija flimkien skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1), 51(2), 53, 57 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat il-verdett tal-gurija tal-bierah 27 ta' Lulju, 2024 fil-konfront tal-akkuzat Joseph Scicluna.

Fil-konfront tal-ewwel kap il-gurati sabu lil b'8 voti favur u vot kontra sabu lil akkuzat Joseph Scicluna mhux hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.

Fir-rigward tat-tieni kap tal-att tal-akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil Joseph Scicluna hati skond it-tieni kap ta' l-Att t' Akkuza dana pero li r-reat hu skuzabbli ghaliex huwa agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu filwaq li jkun ecceda l-limiti ta' din il-legittima difesa u dan l-eccess ikun sar minhabba li l-akkuzat inhasad, jew beza jew twerwer.

Fir-rigward tat-tielet kap tal-att t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil Joseph Scicluna mhux hati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuza.

Fir-rigward tar-raba' u l-ahhar kap tal-att t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil Joseph Scicluna mhux hati skond ir-raba' kap ta' l-Att t' Akkuza.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom.

Rat il-fedina penali mhux aggornata tal-akkuzat Joseph Scicluna.

Ikkunsidrat,

Illi ssir referenza ghall-Artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

> *'jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn'*

Illi l-proviso ta' dan is-sub-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> *'Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret'*

Dan ifisser li l-legislatur ried li bniedem li jagixxi taht ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar id-difiza tal-legittima difesa, *johrog*

*barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn* ma jkunx soggett ghall-piena f'kaz li l-eccess ikun sar *minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.*

Illi din id-difiza tramite l-Artikolu 230(d) tapplika wkoll ghar-reat ta' ferita gravi u dan ghaliex il-ligi tiddisponi s-segwenti:

> *L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli –*
>
> *(d) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(d).*

Illi dan l-Artikolu tal-ligi ma jeskludix il-proviso msemmi fl-Artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali, fejn id-difiza tal-iskuzanti hija applikabbli ghal reat iktar serju, ghalhekk huwa bl-interpretazzjoni illi dan il-proviso ghandu japplika wkoll f'kaz ta' reat ta' ferita gravi, li huwa reat wara kollox, inqas serju minn dak t'omicidju volontarju. Zgur li ma kienx jaghmel sens li l-legislatur ried li ma jkunx hemm piena minkejja dikjarazzjoni ta' htija, f'kaz ta' reat t'omicidju volontarju u mhux ta' reat ta' ferita gravi. Ghal kull bon fini din il-Qorti taghmel referenza wkoll **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Johann Josef Montfort</u>** deciza fit-8 ta' Mejju, 2011 minn din l-istess Qorti diversament ippreseduta fejn dik il-Qorti stqarret li kienet "*skond il-proviso tal-Artikolu 227(d) tal-Kap. 9 il-htija fil-konfront tal-ewwel kap kif misjuba mill-gurati mhux soggetta ghall-piena.*" Jigi rilevat illi f'din il-kawza il-hati Montfort kien instab hati talli "*kkaguna ferita gravi li setghet gabet perikolu tal-hajja jew debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew li ppenetrat kavita tal-gisem, b'dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex ghalkem agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita jew mill-bzonn, izda dan sar li hu kien inhasad, beza' jew twerwer.*"

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, propju fuq din il-kwistjoni fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brandon Lee Psaila</u>**[1] fejn inghad hekk:

> *'L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju hu applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna, ossia ghall-appell odjern, bis-sahha tal-artikolu 230 tal-Kodici Kriminalili **<u>jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d)</u>**[2] kif ukoll jekk l-akkuzat ikun provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.'*

Ghalhekk in vista ta'dan ir-ragunament tal-Qrati nostrana din il-Qorti tiddikjara illi minkejja li qeghda tipronunzja dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-akkuzat, bl-iskuzanti kif kontemplata fl-Artikolu 230(d) tal-Kodici Kriminali minhabba li l-eccess sar ghaliex l-akkuzat kien mahkum minn biza jew ghax twerwer jew inhasad.

Illi din il-Qorti hija konxja minn dak li jipprovdi l-Artikolu 233(1)(a) tal-Kodici Kriminali u cioe':

> *233. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 230(d), l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*
>
> *(a) fil-każ ta' offiża gravi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar mit-terz tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża;*

Tirrileva pero', illi din id-dispozizzjoni tal-ligi tapplika **<u>biss</u>** f'kaz illi l-gurati sabu lill-akkuzat hati tal-akkuza li kkaguna ferita gravi bl-iskuzanti *sic et simplicite* talli huwa agixxa taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223 u hareg barra mil-limiti imposti

[1] Moghtija nhar il-25 ta' Mejju, 2021.
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn minghajr il-proviso li tali eccess sehh ghaliex l-akkuzat kien mahkum minn biza jew ghax twerwer jew inhasad. Din hija l-interpretazzjoni li trid tinghata lit-tifsira tal-Artikolu 233(1)(a) ghaliex altrimenti l-proviso kif provdut fl-Artikolu 227(d) ma kienx jaghmel sens u dan huwa l-mod kif l-intenzjoni tal-legislatur ghandu jigi abbraccat minn din il-Qorti fl-amministrazzjoni tal-gustizzja taghha.

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 227(d), 230(d), 383, 384, 385, 386, 387 u 533 tal-Kodiċi Kriminali qeghda tiddikjarali ma ssibx lill-Joseph Scicluna hati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) Kapi tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena f'dan ir-rigward. Madankollu, tiddikjara li qed issib lil Joseph Scicluna hati tat-tieni (2) Kap. Tal-Att t' Akkuza u cioe' talli kkaguna feriti ta'natura gravi, b'dan illi r-reat hu skuzabbli ghaliex huwa agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu filwaqt li jkun ecceda l-limiti ta' din il-legittima difesa u dan l-eccess ikun sar minhabba li l-akkuzat inhasad, jew beza jew twerwer. Pero' minhabba dak dispost fil-ligi mhux ser tkun qed teroga piena.

Illi peress illi din il-Qorti a bazi tal-verdett moghti mill-gurija ta' htija fir-rugward tat-tieni Kap tal-Att t' Akkuza minkejja l-iskuzanti taghha, din il-Qorti xorta ghandha takkolji t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez tal-periti/esperti nominate f'dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali qed tikkundanna lill-hati Joseph Scicluna jhallas is-somma ta' €15, 309.58 import ta' l-ispejjez tal-perizji li huma mqassma hekk:

Dr Martin Bajjada - €1, 474.59 (fol. 106 tergo);
Dr Marisa Cassar - €4,793.16 (DokMC1, fol. 274) €531.06 (Dok MC2, fol. 548) €566.40 (Dok MC3, fol. 675);
PS 186 Kristian Mintoff u PC844 Karl Micallef - €818.76 (fol. 322);

PS 169 Jurgen Spiteri: €85.91 (fol. 453);

Engineer Jean Paul Azzopardi: €1,691.80 (fol. 592);

Matthew Grima – €2, 571.20 (fol. 861), €2,171.20 (fol. 862);

PS 385 Emanuel Dalli u PS 1491 Kurt Attard - €122.84 (fol. 464)

Dr Mario Scerri - €406.90 (fol. 507)

WPS 98 Gloria Alamango – €75.76 (fol. 297)

Tordna li l-ispejjez appena citati jithallsu fi zmien sitt xhur mil-lum u jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati.

Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali li tinhareg garanzija fil-konfront ta' Mark Farrugia ghal zmien sena mill-lum taht penali t'elfejn euro (€2,000) li ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil Mark Farrugia.

Tordna wkoll li kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lis-CEO tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez kif imsemmija f'din is-sentenza.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef